*-ab omissa decisione*

Seduta tal-31 t'Ottubru 2019

Rikors Numru 57/17

**Epifanio Azzopardi**

**vs**

**Alberto Decelis**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Epifanio Azzopardi fit-22 t'April 2019, permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti sabiex *ai termini* ta' l-Artiklu 235 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta tgħaddi għad-deċiżjoni fir-rigward tat-talbiet enumerati (1),(2), (3) u (4) fir-rikors promotur;

Rat id-Digriet tagħha tas-7 ta' Mejju 2019 fejn a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat ir-Rikors għas-smigħ għat-13 ta' Ġunju 2019 fid-9:30a.m. u ordnat li l-partijiet jigu mħarrkin mill-ġdid sabiex jidhru quddiemha;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet "Epifanio Azzopardi v Alberto Decelis" Rik. Nru. 57/2017, liema kawża ġiet deċiża b'sentenza pronunzjata minn din il-Qorti fid-9 t'April 2019 u rat ukoll l-istess imsemmija sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Artiklu 235 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li meta Qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda it-talbiet proposti, ma jingħatax appell *ab omissa decisione* izda, kull waħda mill-partijiet tista', fi żmien hmistax-il gurnata minn dakinhar tas-sentenza, permezz ta' rikors, titlob lil dik il-Qorti li taqta' tali talba u dana wara li l-partijiet jigu mħarrkin mill-ġdid. F'tali każ, iz-żmien għall-appell mis-sentenza kollha jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dakinhar tal-aħħar deċiżjoni.

Illi mill-atti processwali jirriżulta li l-attur ippreżenta r-Rikors tiegħu entro t-terminu prefiss mill-liġi u jirriżulta wkoll li l-partijiet gew imħarrkin mill-ġdid biex jerġgħu jidhru quddiem din il-Qorti. Il-konvenut Alberto Decelis b'risposta tat-30 ta' Lulju 2019 irrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti;

Illi m'hemmx dubbju li t-talba tal-attur hija ġustifikata;

Għaldaqstant, it-talba tal-attur kif dedotta qed tiġi milqugħa u b'hekk tiddeċiedi ulterjorment għas-sentenza fl-ismijiet "Epifanio Azzopardi v Alberto Decelis" Rik. Nru. 57/2017, deċiża minn din il-Qorti fid-9 t'April 2019 billi:

(1) tilqa' l-ewwel talba u tiddeċiedi li l-konvenut naqas milli jħallas il-kumpens għall-okkupazzjoni bla titolu dovut minn Settembru 2014 sa April 2017;

(2) tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut jivvaka mill-fond 21, Flat 7C Triq Censu Bugeja Hamrun fi żmien tlett xhur mid-data tallum u ċjoe` l-31 t'Ottubru 2019 u konsegwentement tawtorizza lill-attur jirriprendi l-pussess tal-istesss fond;

(3) tilqa' t-tielet talba billi tiddikjara illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur €4,000 arretrati ta' kumpens għall-okkupazzjoni bla titolu għall-perjodu minn Settembru 2014 sa April 2017;

(4) tilqa' r-raba' talba billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż tal-proċedura odjerna istitwita a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA